



## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

ID-DIRETTORAT ĠENERALI GĦAS-SAĦĦA U S-SIKUREZZA ALIMENTARI  
ID-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI  
ID-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-AFFARIJET MARITTIMI U S-SAJD

Brussell, it-13 ta' Marzu 2020  
REV4 - Jissostitwixxi l-avviż (REV2)  
datat l-20 ta' Marzu 2019

### AVVIŻ LILL-PARTIJET IKKONĊERNATI

#### IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT U L-LIĠI TAL-IKEL TAL-UE

#### Werrej

INTRODUZZJONI.....	3
A. IS-SITWAZZJONI LEGALI WARA TMIEM IL-PERJODU TA' TRANŻIZZJONI.....	4
1. IT-TIKKETTAR TAL-IKEL U L-INFORMAZZJONI DWAR L-IKEL, IS-SAĦĦA U L-MARKI TA' IDENTIFIKAZZJONI .....	4
2. INGREDJENTI TAL-IKEL, KOMPOŻIZZJONI TAL-IKEL, KONTAMINANTI U LIMITI TA' RESIDWI; MATERJALI LI JIĠU F'KUNTATT MAL-IKEL: .....	5
3. REKWIŻITI GĦALL-OPERATORI TAN-NEGOZJI TAL-IKEL U D-DETENTURI TAL-AWTORIZZAZZJONI, JEW IR-RAPPREŻENTANTI TAGĦHOM, LI GĦANDHOM JIĠU STABBILITI FL-UE; SOTTOMISSJONI TA' TALBIET TA' AWTORIZZAZZJONI TAL-UE PERMEZZ TA' STAT MEMBRU TAL-UE.....	6
4. REGOLI DWAR IL-PRODUZZJONI TAL-IKEL/REGOLI DWAR L-IĠJENE TAL-IKEL, IRRADJAZZJONI TAL-IKEL, STANDARDS TA' KUMMERĊJALIZZAZZJONI, ĊERTIFIKATI TAL-QBID (PRODOTTI TAS-SAJD) .....	8
4.1. Ikel li joriġina mill-annimali .....	8
4.1.1. Dħul ta' ikel li joriġina mill-annimali mir-Renju Unit lejn l-UE.....	8
4.1.2. Tranżitu ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali minn Stat Membru tal-UE permezz ta' pajjiż terz lejn Stat Membru ieħor tal-UE .....	10
4.1.3. Tranżitu ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali minn pajjiż terz permezz tal-UE-27 lejn pajjiż terz ieħor.....	11
4.2. Ikel li ma joriġinax mill-annimali.....	11

4.3.	Ikel irradjat .....	12
4.4.	Konformità mal-limiti tar-radjazzjoni taċ-ċeżju radjuattiv .....	12
4.5.	Standards ta' kummerċjalizzazzjoni għal ċertu ikel importat .....	12
4.6.	Ċertifikati tal-qbid (prodotti tas-sajd).....	14
B.	ID-DISPOŻIZZJONIJIET TAS-SEPARAZZJONI RILEVANTI TAL-FTEHIM DWAR IL-ĦRUĠ.....	15
1.	IKEL LI MA JORIĠINAX MILL-ANNIMALI .....	15
2.	IKEL LI JORIĠINA MILL-ANNIMALI .....	16
C.	REGOLI APPLIKABBILI GĦALL-IKEL FL-IRLANDA TA' FUQ WARA T-TMIEM TAL-PERJODU TA' TRANŻIZZJONI .....	16
ANNES 1:	IL-LIĠI TAL-IKEL TAL-UE LI TARMONIZZA T-TIKKETTAR TA' IKEL LI JITQIEGĦED FIS-SUQ TAL-UE .....	19

## INTRODUZZJONI

Mill-1 ta' Frar 2020, ir-Renju Unit ħareġ mill-Unjoni Ewropea u sar "pajjiż terz"<sup>1</sup>. Il-Ftehim dwar il-Ħruġ<sup>2</sup> jipprevedi perjodu ta' tranżizzjoni li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020<sup>3</sup>. Sa dik id-data, il-liġi tal-UE kollha kemm hi tapplika għar-Renju Unit u fih<sup>4</sup>.

Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-UE u r-Renju Unit se jinneogzjaw ftehim dwar sħubija ġdida, li jipprovdi b'mod partikolari għal żona ta' kummerċ ħieles. Madankollu, m'hemmx ċertezza dwar jekk jintlaħaqx ftehim bħal dan u jekk jidħolx fis-seħħ fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Fi kwalunkwe każ, tali ftehim joħloq relazzjoni li f'termini ta' kundizzjonijiet ta' aċċess għas-suq ser tkun differenti ħafna mill-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fis-suq intern,<sup>5</sup> fl-Unjoni Doganali tal-UE, u fil-qasam tal-VAT u s-sisa.

Għaldaqstant, il-partijiet interessati kollha, u speċjalment l-operaturi ekonomiċi, huma mfakkra dwar is-sitwazzjoni legali wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni (Parti A hawn taħt). Dan l-avviż jindirizza wkoll il-każ fejn l-ikel ikun tqiegħed fis-suq qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, u ċerti dispożizzjonijiet rilevanti ta' separazzjoni tal-Ftehim dwar il-Ħruġ (il-Parti B hawn taħt), kif ukoll ir-regoli applikabbli għall-Irlanda ta' Fuq sa tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni (il-Parti C hawn taħt).

### **Avviż lill-partijiet interessati:**

Biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi stabbiliti f'dan l-avviż, l-operaturi tan-negozji tal-ikel huma b'mod partikolari rakkomandati li:

- jiżguraw l-istabbiliment fl-UE fejn dan ikun meħtieġ mil-liġi tal-UE, u jirriflettu dan fit-tikkettar korrispondenti; kif ukoll
- jadattaw kanali ta' distribuzzjoni, biex jieħdu kont tal-ħtiġiet tal-importazzjoni.

### **Innota li:**

Dan l-avviż ma jindirizzax

<sup>1</sup> Pajjiż terz huwa pajjiż mhux membru tal-UE.

<sup>2</sup> Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7 ("Il-Ftehim dwar il-Ħruġ").

<sup>3</sup> Il-perjodu ta' tranżizzjoni jista', qabel l-1 ta' Lulju 2020, jiġi estiż darba b'sena jew sentejn (l-Artikolu 132(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ). Il-Gvern tar-Renju Unit s'issa eskluda tali estensjoni.

<sup>4</sup> Soġġett għal ċerti eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 127 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, li l-ebda waħda minnhom ma hija rilevanti fil-kuntest ta' dan l-avviż.

<sup>5</sup> B'mod partikolari, ftehim ta' kummerċ ħieles ma jipprovdi għal kumċetti tas-suq intern (fil-qasam tal-prodotti u s-servizzi) bħar-rikonossiment reċiproku, il-"prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini", u l-armonizzazzjoni. Lanqas ma hemm ftehim ta' kummerċ ħieles li jneħħi l-formalitajiet u l-kontrolli doganali, inklużi dawk li jikkonċernaw l-oriġini tal-merkanzija u l-input tagħhom, kif ukoll projbizzjonijiet u restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet.

- ostakoli fiskali għall-kummerċ, b'mod partikolari t-tariffi, il-kwoti, u r-regoli tal-oriġini;
- leġislazzjoni fitosanitarja tal-UE;
- skemi ta' kwalità tal-UE, bħad-denominazzjonijiet ta' oriġini protetta, indikazzjonijiet ġeografiċi protetti u speċjalitajiet tradizzjonali garantiti.
- regoli tal-UE dwar il-produzzjoni organika.

Dawn l-aspetti huma indirizzati f'avviżi separati.

## **A. IS-SITWAZZJONI LEGALI WARA TMIEM IL-PERJODU TA' TRANŻIZZJONI**

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, il-liġi tal-UE dwar l-ikel mhux se tibqa' tapplika għar-Renju Unit<sup>6</sup>. Dan iwassal, b'mod partikolari, għall-konsegwenzi li ġejjin:

### **1. IT-TIKKETTAR TAL-IKEL U L-INFORMAZZJONI DWAR L-IKEL, IS-SAĦĦA U L-MARKI TA' IDENTIFIKAZZJONI**

Il-liġi tal-ikel tal-UE tarmonizza t-tikkettar ta' ikel li jitqiegħed fis-suq tal-UE. Ir-regoli applikabbli jinsabu b'mod partikolari fil-leġislazzjoni tal-UE stabbilita fl-Annex 1.

Ir-regoli dwar it-tikkettar tal-ikel tal-UE japplikaw għall-ikel kollu mqiegħed fis-suq tal-UE, irrISPETTIVAMENT mill-post tal-produzzjoni tal-ikel.

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-ikel se jkollu jkompli jikkonforma ma' dawn ir-regoli.

Bħala konsegwenza, f'xi każijiet, il-liġi tal-UE dwar l-ikel tista' teħtieġ bidliet fit-tikkettar tal-ikel meta mqabbel mal-prattika fis-seħħ ta' tikkettar tal-ikel li joriġina mir-Renju Unit qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Eżempji għal tali rekwiżiti jinkludu dawn li ġejjin:

- It-tikkettar obligatorju tal-oriġini ta' prodott tal-ikel, fejn applikabbli<sup>7</sup>;
- Tikkettar obligatorju tal-isem jew l-isem tan-negozju u l-indirizz tal-importatur tal-ikel tal-UE mir-Renju Unit<sup>8</sup>;

<sup>6</sup> Rigward l-applikabbiltà tal-liġi tal-ikel tal-UE għall-Irlanda ta' Fuq, ara l-Parti C ta' dan l-avviż.

<sup>7</sup> Ara, pereżempju, it-tikkettar ta' "Agrikoltura UE" u "Agrikoltura non-UE" skont l-Artikolu 24 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007, jew it-tikkettar tal-għasel bħala "taħlita ta' għasel tal-UE" jew "taħlita ta' għasel mhux tal-UE" (l-Artikolu 2(4)(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/110/KE).

<sup>8</sup> L-Artikoli 8(1) u 9(1)(h) tar-Regolament (KE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 18).

- It-timbri sanitarji jew timbri ta' identifikazzjoni obbligatorji skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 853/2004<sup>9</sup>. Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, il-marka tas-saħħa jew il-marka ta' identifikazzjoni<sup>10</sup> ma għadhiex tinkludi l-abbrevjazzjoni "KE", iżda għandha tinkludi l-isem tal-pajjiż (b'mod sħiħ jew bil-kodiċi ISO b'żewġ ittri) fejn jinsab l-istabiliment u n-numru tal-approvazzjoni ta' dan l-istabiliment<sup>11</sup>;
- Informazzjoni oħra obbligatorja, bħal dik relatata ma' metodi ta' biedja u standards ta' kummerċjalizzazzjoni: dan jinkludi pakketti ta' bajd importat,<sup>12</sup> bajd għat-tfaqqis,<sup>13</sup> pakketti li fihom flieles ta' ġurnata,<sup>14</sup> u nbid<sup>15</sup>.

## **2. INGREDJENTI TAL-IKEL, KOMPOŻIZZJONI TAL-IKEL, KONTAMINANTI U LIMITI TA' RESIDWI; MATERJALI LI JIĠU F'KUNTATT MAL-IKEL:**

Skont il-liġi tal-UE dwar l-ikel, ċertu ikel m'għandux jitqiegħed fis-suq sakemm ma jkunx ġie awtorizzat mill-Kummissjoni (pereżempju għal addittivi tal-ikel<sup>16</sup>, aromatizzanti tal-ikel,<sup>17</sup> aromatizzanti bl-affumikazzjoni,<sup>18</sup> vitamini u minerali użati fl-ikel,<sup>19</sup> inkluż fis-supplimenti tal-ikel<sup>20</sup> u kwalunkwe ikel ġdid,<sup>21</sup> ikel li jkollu

<sup>9</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jstabilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali, ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55.

<sup>10</sup> It-Taqsima I tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

<sup>11</sup> Huwa possibbli li l-prodotti dderivati mill-annimali jiġu mmarkati (marka tas-saħħa jew ta' identifikazzjoni) skont il-liġi tal-UE, u, barra minn hekk, skont ir-rekwiżiti ta' pajjiż terz. Madankollu, il-liġi tal-UE ma tippermettix li prodott ikollu żewġ marki, li jippreżentaw l-istabiliment bħala wieħed ibbażat fl-UE u f'pajjiż terz.

<sup>12</sup> L-Artikolu 30 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 589/2008 tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar it-termini tal-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 f'dak li jikkonċerna n-normi tat-tqegħid fuq is-suq applikabbli għall-bajd, ĠU L 163, 24.6.2008, p. 6.

<sup>13</sup> L-Artikolu 3(8) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 617/2008 tas-27 ta' Ġunju 2008 dwar it-termini tal-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 f'dak li jikkonċerna n-normi għat-tqegħid fis-suq tal-bajd tat-tifqis u tal-flieles tat-tjur tal-irziezet, ĠU L 168, 28.6.2008, p. 5

<sup>14</sup> L-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 617/2008.

<sup>15</sup> L-Artikolu 119(f) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

<sup>16</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16).

<sup>17</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1334/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar aromatizzanti u ċerti ingredjenti tal-ikel bi proprjetajiet aromatizzanti għall-użu fl-ikel u fuq l-ikel (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 34).

<sup>18</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 2065/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Novembru 2003 dwar it-taħwir bl-affumikazzjoni użat jew intiż għall-użu fi jew fuq l-ikel (ĠU L 309, 26.11.2003, p. 1).

<sup>19</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar iż-żieda ta' vitamini u minerali u ta' ċerti sustanzi oħra mal-ikel (ĠU L 404, 30.12.2006, p. 26).

indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni jew is-saħħa<sup>22</sup>, ċerti materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel<sup>23</sup> u ikel modifikat ġenetikament<sup>24</sup>).

Ċertu ikel huwa suġġett għal rekwiżiti speċifiċi ta' kompożizzjoni<sup>25</sup>. Il-liġi tal-UE dwar l-ikel tistabbilixxi wkoll limiti għal kontaminanti<sup>26 27</sup> u għal livelli massimi ta' residwi ta' sustanzi attivi użati fil-pestiċidi<sup>28</sup>.

Materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel li jitqiegħdu fis-suq tal-UE huma soġġetti għar-regoli tal-UE<sup>29</sup>.

Il-liġi tal-UE dwar l-ingredjenti tal-ikel u l-kompożizzjoni tal-ikel, kif ukoll il-liġi tal-UE li tistabbilixxi limiti għal kontaminanti u residwi fl-ikel, tapplika għall-ikel kollu mqiegħed fis-suq tal-UE, irrispettivament mill-post tal-produzzjoni tal-ikel. L-istess japplika għall-materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel.

### **3. REKWIŻITI GĦALL-OPERATURI TAN-NEGOZJI TAL-IKEL U D-DETENTURI TAL-AWTORIZZAZZJONI, JEW IR-RAPPREŻENTANTI TAGĦHOM, LI GĦANDHOM JIĠU**

---

<sup>20</sup> Id-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ġunju 2002 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar is-supplimenti tal-ikel (ĠU L 183, 12.7.2002, p. 51).

<sup>21</sup> Ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar ikel ġdid, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 327, 11.12.2015, p. 1).

<sup>22</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1924/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel (ĠU L 404, 30.12.2006, p. 9).

<sup>23</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 10/2011 tal-14 ta' Jannar 2011 dwar il-materjali u oġġetti tal-plastik maħsuba li jiġu f'kuntatt mal-ikel (ĠU L 12, 15.1.2011, p. 1), ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/213 tal-12 ta' Frar 2018 dwar l-użu tal-bisfenol A fil-verniċi u fil-kisi maħsuba li jiġu f'kuntatt mal-ikel, ĠU L 41, 14.2.2018, p. 6.

<sup>24</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament (ĠU L 268, 18.10.2003, p. 1).

<sup>25</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 609/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar ikel maħsub għat-trabi u t-fal zġħar, ikel għal skopijiet mediċi speċjali, u bħala sostitut tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż (ĠU L 181, 29.6.2013, p. 35).

<sup>26</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 315/93 tat-8 ta' Frar 1993 li jistabbilixxi proċeduri tal-Komunità għall-kontaminanti fl-ikel (ĠU L 37, 13.2.1993, p. 1).

<sup>27</sup> Id-Direttiva 2009/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-isfruttament u t-tqegħid fis-suq ta' ilmijiet minerali naturali (ĠU L 164, 26.6.2009, p. 45).

<sup>28</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1); Ir-Regolament (KE) Nru 470/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi l-proċeduri Komunitarji għall-istabbiliment ta' limiti ta' residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi fl-oġġetti tal-ikel li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 152, 16.6.2009, p.11).

<sup>29</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1935/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2004 dwar materjali u oġġetti maħsuba biex jiġu f'kuntatt mal-ikel, ĠU L 338, 13.11.2004, p. 4.

## STABILITI FL-UE; SOTTOMISSJONI TA' TALBIET TA' AWTORIZZAZZJONI TAL-UE PERMEZZ TA' STAT MEMBRU TAL-UE

Skont il-liġi tal-UE dwar l-ikel, f'xi każijiet ċerti obbligi imposti mil-liġi dwar l-ikel huma relatati mal-post tal-istabbiliment ta' ċerti persuni. Xi eżempji jinkludu dawn li ġejjin:

- L-Artikolu 4(6) tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament, jistipula li l-applikant għal awtorizzazzjoni tal-UE jew ir-rappreżentant tiegħu għandu jkun stabbilit fl-UE;
- L-Artikolu 15(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 1935/2004 dwar materjali u oġġetti maħsuba biex jiġu f'kuntatt mal-ikel jeħtieġ l-indirizz jew l-uffiċċju rreġistrat, stabbilit fl-UE, ta' manifattur, proċessur, jew bejjieġh responsabbli għat-tqegħid fis-suq ta' oġġetti u oġġetti li għad mhumiex f'kuntatt mal-ikel<sup>30</sup>.

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, stabbiliment fir-Renju Unit ma jibqax jikkonforma ma' dawn ir-rekwiżiti.

Skont il-liġi tal-ikel tal-UE, f'xi każijiet l-awtorizzazzjonijiet tal-UE jkunu jirrikjedu s-sottomissjoni ta' dossier tal-awtorizzazzjoni permezz tal-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tal-UE. Xi eżempji jinkludu dawn li ġejjin:

- L-Artikolu 9(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1935/2004 dwar il-materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel jirrikjedi li l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjonijiet ta' sustanzi jsiru permezz ta' awtorità kompetenti ta' Stat Membru tal-UE.
- L-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament jistipula li l-applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni jintbagħtu lill-Awtorità Ewropea tas-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) permezz tal-awtorità kompetenti ta' Stat Membru.
- L-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel jeħtieġ applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni li għandha tintbagħat lill-awtorità nazzjonali kompetenti ta' Stat Membru.

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-applikazzjonijiet permezz tal-awtorità kompetenti tar-Renju Unit ma jibqgħux possibbli.

---

<sup>30</sup> L-istess rekwiżiti jew rekwiżiti simili huma stipulati fil-leġiżlazzjoni settorjali dwar il-materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel. Ara, fir-rigward tal-materjal taċ-ċeramika li jiġi f'kuntatt mal-ikel, l-Artikolu 2a(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 84/500/KEE tal-15 ta' Ottubru 1984 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-oġġetti taċ-ċeramika maħsuba biex jiġu f'kuntatt ma' oġġetti tal-ikel, ĠU L 277, 20.10.1984, p. 12.

#### 4. REGOLI DWAR IL-PRODUZZJONI TAL-IKEL/REGOLI DWAR L-IĠJENE TAL-IKEL, IRRADJAZZJONI TAL-IKEL, STANDARDS TA' KUMMERĊJALIZZAZZJONI, ĊERTIFIKATI TAL-QBID (PRODOTTI TAS-SAJD)

Il-liġi tal-ikel tal-UE tistabbilixxi regoli għall-produzzjoni tal-ikel fl-UE u f'pajjiżi terzi, jekk dak l-ikel jitqiegħed fis-suq tal-UE. Il-liġi tal-ikel tal-UE tipprevedi wkoll għal kontrolli speċifiċi mad-dħul tal-ikel fl-UE.

##### 4.1. Ikel li joriġina mill-annimali<sup>31</sup>

###### 4.1.1. Dħul ta' ikel li joriġina mill-annimali mir-Renju Unit lejn l-UE

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, id-dħul ta' ikel li joriġina mill-annimali mir-Renju Unit lejn l-UE huwa pprojbit, sakemm ma jiġux issodisfati ċerti rekwiżiti, inklużi:

- Ir-Renju Unit ikun "elenkat" mill-Kummissjoni għal finijiet ta' saħħa pubblika<sup>32</sup> u ta' saħħa tal-annimali<sup>33</sup>. Għall-"elenkar" ta' pajjiżi terzi, japplikaw l-Artikolu 6(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 853/2004<sup>34</sup>, l-Artikolu 127 tar-Regolament (UE) 2017/625,<sup>35</sup> l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2019/625<sup>36</sup> u l-Artikolu 8 tad-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE.

<sup>31</sup> Għal "prodotti komposti" (jiġifieri oġġetti tal-ikel maħsub għall-konsum mill-bniedem li jkun fih prodotti pproċessati li joriġinaw mill-annimali kif ukoll prodotti li joriġinaw mill-pjanti) id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/275/KE tas-17 ta' April 2007 dwar il-listi ta' annimali u prodotti li huma soġġetti għal kontrolli fil-postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntieri skont id-Direttivi tal-Kunsill 91/496/KEE u 97/78/KE (ĠU L 116, 4.5.2007, p. 9) u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 28/2012 tal-11 ta' Jannar 2012 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għaċ-ċertifikazzjoni tal-importazzjoni għall-Unjoni u tat-tranżitu minn ġol-Unjoni ta' ċerti prodotti komposti u li jemenda d-Deċiżjoni 2007/275/KE u r-Regolament (KE) Nru 1162/2009 (ĠU L 12, 14.1.2012, p. 1) jistabbilixxu regoli speċifiċi.

<sup>32</sup> L-Artikolu 3 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/625 tal-4 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 131, 17.5.2019, p. 18).

<sup>33</sup> L-Artikolu 8 tad-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali u li jiddeterminaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma għall-konsum uman (ĠU L 18, 23.1.2003, p. 11).

<sup>34</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55).

<sup>35</sup> Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-ġalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1.

<sup>36</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/625 tal-4 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem, ĠU L 131, 17.5.2019, p. 18.



- L-istabbiliment fir-Renju Unit minn fejn jintbagħat l-ikel, u jinkiseb jew jitħejja, huwa “elenkat” bl-iskop ta’ saħħa pubblika. Għall-“elenkar” ta’ stabbilimenti, japplikaw l-Artikolu 6(1)(b)(i) u (ii) tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 2019/625.
- Ir-Renju Unit huwa “elenkat” mill-Kummissjoni bħala pajjiż li għandu pjan ta’ kontroll tar-residwi approvat skont id-Direttiva 96/23/KE<sup>37</sup> għall-annimali u l-prodotti tal-annimali speċifikati fih. Għall-“elenkar” ta’ pajjiż terz, japplika l-Kapitolu VI tad-Direttiva 96/23/KE.
- L-ikel importat jissodisfa r-rekwiżiti kollha tal-iġjene tal-ikel stabbiliti fl-Artikoli 4 sa 6 tar-Regolamenti (KE) Nru 852/2004<sup>38</sup> u l-Artikoli 3, 4, 5, 7 u 8 tar-Regolament (KE) Nru 853/2004<sup>39</sup>. Il-possibbiltà għal miżuri nazzjonali biex jintlaħqu l-istandards tal-UE dwar l-iġjene tal-ikel (“dispożizzjonijiet ta’ flessibbiltà”) f’konformità mal-Artikolu 13(3) tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 u l-Artikolu 10(3) tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 ma għadhiex tapplika għar-Renju Unit.

L-operaturi fin-negozju tal-ikel li jimportaw prodotti li joriġinaw mill-annimali għandhom jiżguraw li l-importazzjoni sseħħ biss jekk jiġu rispettati l-kundizzjonijiet imsemmija hawn fuq wara tmiem il-perjodu ta’ tranżizzjoni<sup>40</sup>.

Wara tmiem il-perjodu ta’ tranżizzjoni, dawn ir-rekwiżiti huma vverifikati mad-dħul fl-UE billi jiġu applikati, b’mod obligatorju, kontrolli fil-fruntiera fl-ewwel punt ta’ dħul fit-territorju tal-Unjoni:

- Dan l-ikel jista’ jidħol biss fl-UE permezz ta’ “postijiet ta’ kontroll fuq il-fruntiera” magħżula għall-kategoriji approvati<sup>41</sup>;
- Kull konsenja għandha tgħaddi minn verifiki tad-dokumenti u tal-identità, kif ukoll minn verifiki fiżiċi bi frekwenza adegwata;<sup>42</sup>
- Kull konsenja trid tkun akkumpanjata minn ċertifikat f’konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-ikel<sup>43, 44</sup>;

<sup>37</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE tad-29 ta’ April 1996 dwar miżuri għall-monitoraġġ ta’ ċerti sustanzi u residwi tagħhom f’annimali haġġin u prodotti tal-annimali (ĠU L 125, 23.5.1996, p. 10).

<sup>38</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta’ April 2004 dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1).

<sup>39</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta’ April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta’ iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55).

<sup>40</sup> Il-paragrafi 1 sa 4 tal-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

<sup>41</sup> L-Artikoli 47(1) u 60(1)tar-Regolament (UE) Nru 2017/625.

<sup>42</sup> L-Artikoli 49(1) u 54 tar-Regolament (UE) 2017/625 u l-Artikolu 4 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2129 (ĠU, L 321, 12.12.2019, p. 122).

- L-operatur responsabbli għal konsenja soġġetta għal kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera għandu jagħti notifika minn qabel tal-wasla tal-konsenja mill-inqas jum wieħed ta' xogħol qabel il-wasla mistennija, sakemm restrizzjonijiet loġistiċi jeħtieġu ħin ta' notifika iqsar (f'dan il-każ, perjodu ta' notifika minn qabel ta' mill-inqas erba' sigħat qabel ma tasal il-wasla mistennija)<sup>45</sup>.

Dawn il-kontrolli huma soġġetti għat-tariffi stabbiliti fl-Artikolu 79 tar-Regolament (UE) 2017/625.

#### 4.1.2. *Tranżitu ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali minn Stat Membru tal-UE permezz ta' pajjiż terz lejn Stat Membru ieħor tal-UE*

Fir-rigward ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali li ġejjin minn Stat Membru tal-UE u jgħaddu minn pajjiż terz lejn Stat Membru ieħor tal-UE japplika dan li ġej:

- Dawn il-prodotti jistgħu jerġgħu jidħlu biss fl-UE permezz ta' post ta' kontroll fuq il-fruntiera deżinjat<sup>46</sup>;
- Kull konsenja tgħaddi minn kontroll tad-dokumenti biex tivverifika li l-prodotti huma attwalment mill-UE, inkluża n-notifika rispettiva fi TRACES<sup>47</sup>;
- L-operatur responsabbli għandu jagħti notifika minn qabel tal-wasla tal-konsenja mill-inqas jum ta' xogħol qabel il-wasla mistennija, sakemm restrizzjonijiet loġistiċi jeħtieġu ħin ta' notifika iqsar (f'dan il-każ, perjodu ta' notifika minn qabel ta' mill-inqas erba' sigħat qabel ma tasal il-wasla mistennija)<sup>48</sup>.

Dawn il-kontrolli huma soġġetti għat-tariffi stabbiliti fl-Artikolu 79 tar-Regolament (UE) 2017/625.

---

<sup>43</sup> L-Artikolu 126 tar-Regolament (UE) 2017/625.

<sup>44</sup> L-Artikolu 9 tad-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali u li jiddeterminaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma għall-konsum uman (ĠU L 18, 23.1.2003, p. 11).

<sup>45</sup> L-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1013 tas-16 ta' April 2019 dwar in-notifika minn qabel tal-kunsinni ta' ċerti kategoriji ta' annimali u ta' oġġetti li jidħlu fl-Unjoni, ĠU L 165, 21.6.2019, p. 8.

<sup>46</sup> L-Artikolu 37(2) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2019/2124 (ĠU L321, 12.12.2019, p. 73).

<sup>47</sup> L-Artikolu 49(1) tar-Regolament (UE) 2017/625 u l-Artikolu 37(3) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2124.

<sup>48</sup> L-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1013 tas-16 ta' April 2019 dwar in-notifika minn qabel tal-kunsinni ta' ċerti kategoriji ta' annimali u ta' oġġetti li jidħlu fl-Unjoni, ĠU L 165, 21.6.2019, p. 8.

Dawn id-dispozzjonijiet japplikaw irrispettivament mill-kundizzjonijiet li r-Renju Unit jista' jitlob għat-tranżitu fit-territorju tiegħu.

#### 4.1.3. *Tranżitu ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali minn pajjiż terz permezz tal-UE-27 lejn pajjiż terz ieħor*

Fir-rigward tat-tranżitu ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali minn pajjiż terz permezz tal-UE-27 lejn pajjiż terz ieħor japplika dan li ġej:

- Dawn il-prodotti jistgħu jidħlu biss fl-UE-27 jekk jgħaddu minn post tal-ispezzjoni fil-fruntiera approvat<sup>49</sup>;
- It-tranżitu ta' dawn il-prodotti għandu jiġi awtorizzat biss soġġett għal verifiki dokumentarji favorevoli u kontrolli tal-identità<sup>50</sup>;
- Il-konsenja ta' prodotti tkun akkumpanjata minn Dokument Komuni tad-Dħul tas-Saħħa u tħalli l-post ta' kontroll fuq il-fruntiera f'vetturi jew f'kontejners tat-trasport issiġillati mill-awtorità fil-post ta' kontroll fuq il-fruntiera<sup>51</sup>;
- Il-konsenja trid tiġi ttrasportata direttament, taħt superviżjoni doganali, mingħajr ma l-merkanzija tinħatt jew tinqasam, fi żmien massimu ta' 15-il jum mill-post ta' kontroll fuq il-fruntiera ta' introduzzjoni fl-Unjoni għal post ta' kontroll fuq il-fruntiera sabiex l-Unjoni tkun tista' titlaq mill-Unjoni<sup>52</sup>;

Dawn il-kontrolli huma soġġetti għat-tariffi stabbiliti fl-Artikolu 79 tar-Regolament (UE) 2017/625.

## 4.2. **Ikel li ma joriġinawx mill-annimali**

B'differenza mill-ikel li joriġina mill-annimali, l-importazzjoni tal-ikel li ma joriġinawx mill-annimali mhix soġġetta għar-rekwiżit ta' elenkar ta' pajjiżi terzi u stabbiliment.<sup>53</sup>

L-Istati Membri tal-UE għandhom iwettqu kontrolli uffiċjali regolari fuq l-importazzjoni tal-ikel li ma joriġinawx mill-annimali. Dawk il-kontrolli huma organizzati fuq bażi ta' riskju u bi frekwenza xierqa. Il-kontrolli għandhom ikopru l-aspetti kollha tal-leġiżlazzjoni dwar l-ikel. F'każijiet ta' riskju magħruf jew emerġenti, jistgħu japplikaw ir-regoli tal-UE li jipprovdu livell oġhla

<sup>49</sup> L-Artikolu 47(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/625.

<sup>50</sup> L-Artikolu 49(1) tar-Regolament (UE) 2017/625 u l-Artikolu 19(b) u l-Artikolu 19(c) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2124 (ĠU, L 321, 12.12.2019, p. 73).

<sup>51</sup> L-Artikolu 19(d) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2124.

<sup>52</sup> L-Artikolu 19(e)(i) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2124.

<sup>53</sup> Bl-eċċezzjoni tan-nebbieta (sprouts), fejn ikun japplika reġim speċifiku (ara r-Regolament (UE) Nru 210/2013 tal-11 ta' Marzu 2013 dwar l-approvazzjoni tal-istabbilimenti li jipproduċu n-nebbieta skont ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 68, 12.3.2013, p. 24).

temporanju ta' kontrolli uffiċjali fil-postijiet iddeżinjati ta' kontroll tal-fruntiera tal-UE<sup>54</sup>.

#### 4.3. Ikel irradjat

L-ikel trattat b'radjazzjoni jonizzanti huwa regolat mil-liġi tal-UE<sup>55</sup>. Wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni, l-importazzjoni ta' ikel irradjat mir-Renju Unit lejn l-EU hija pprojbita, sakemm il-faċilitajiet tal-irradjazzjoni fir-Renju Unit ma jkunux "elenkati" mill-Kummissjoni. Għall-"elenkar" ta' pajjiż terz, japplika l-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 1999/2/KE.

#### 4.4. Konformità mal-limiti tar-radjazzjoni taċ-ċeżju radjuattiv

Il-liġi tal-UE tistabbilixxi għal ċerti prodotti agrikoli li joriġinaw f'pajjiżi terzi livelli massimi permissibbli ta' ċeżju radjuattiv, li jiġu vverifikati mal-importazzjoni fl-UE.<sup>56</sup>

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-rekwiżiti għaċ-ċertifikati uffiċjali għal ċerti prodotti japplikaw għal dawn il-prodotti importati mir-Renju Unit lejn l-UE.

#### 4.5. Standards ta' kummerċjalizzazzjoni għal ċertu ikel importat

Minbarra ċ-ċertifikati sanitarji u fitosanitarji, il-liġi tal-UE teħtieġ, għal ċerti prodotti agrikoli importati fl-UE, ċertifikati (standard tal-kummerċjalizzazzjoni). Dan huwa l-każ għal

- **għaxar frottiet u tipi ta' ħaxix<sup>57</sup>**: Skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 543/2011, fil-punt tal-importazzjoni fl-UE, hemm żewġ possibbiltajiet għall-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni doganali:
  - il-korp ta' spezzjoni kompetenti tal-Istat Membru tal-UE li qed jimporta jipproċedi lejn kontroll u jwassal ċertifikat ta' konformità (u jinforma lill-awtorità doganali li l-lottijiet ikkonċernati nħarġu ċertifikat ta' konformità), jew

<sup>54</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1793 tat-22 ta' Ottubru 2019 jistabbilixxi regoli dwar iż-żieda temporanja fil-kontrolli uffiċjali u tal-miżuri ta' emerġenza li jirregolaw id-dħul fl-Unjoni ta' ċerti oġġetti minn ċerti pajjiżi terzi, u li jimplimenta r-Regolamenti (UE) 2017/625 u (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 669/2009, (UE) Nru 884/2014, (UE) 2015/175, (UE) 2017/186 u (UE) 2018/1660 (ĠU L 277, 29.10.2019, p. 89).

<sup>55</sup> Id-Direttiva 1999/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Frar 1999 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jikkonċernaw ikel u ingredjenti tal-ikel trattati b'radjazzjoni li tionizza (ĠU L 66, 13.3.1999, p. 16).

<sup>56</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1158 tal-5 ta' Awwissu 2020 dwar il-kundizzjonijiet li jirregolaw l-importazzjonijiet ta' ikel u għalf li joriġinaw minn pajjiżi terzi wara l-aċċident fl-impjant tal-enerġija nukleari ta' Chernobyl, ĠU L 257, 6.8.2020, p. 1

<sup>57</sup> Cf. l-Artikolu 3(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 għas-setturi tal-frott u l-ħaxix u tal-frott u l-ħaxix ipproċessat, ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

- l-entità kompetenti ta' spezzjoni tgħarraf lill-awtoritajiet doganali li hija ma ħarġitx ċertifikat tal-konformità għal-lottijiet ikkonċernati għaliex dawn ma kellhomx bżonn jiġu vverifikati fid-dawl tal-valutazzjoni tar-riskju msemmija fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KE) Nru 543/2011.

Dan ma japplikax, jekk il-Kummissjoni tkun approvat kontrolli dwar il-konformità mal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni mwettqa mir-Renju Unit qabel l-importazzjoni fl-Unjoni skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 15 u 16 tar-Regolament (UE) Nru 543/2011.

- **Tjur tat-trobbija:** Skont l-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 543/2008,<sup>58</sup> l-użu ta' termini fakultattivi bħal “imrobbi fil-beraħ” (free range) jirrikjedi ċertifikat maħruġ mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż ta' oriġini;
- **Bajd:** Skont l-Artikolu 30 tar-Regolament (KE) Nru 589/2008<sup>59</sup>, il-bajd tal-mejda li jiġi importat minn pajjiżi terzi jrid jiġi ttikkettat bil-metodu tal-biedja “mhux standard tal-UE”. Dan ma japplikax jekk il-Kummissjoni tadotta att delegat biex tqis il-kundizzjonijiet li taħthom il-bajd importat jitqies li għandu livell ekwivalenti ta' konformità mal-istandards tal-Unjoni għall-kummerċjalizzazzjoni tal-bajd.
- **Inbid:** Skont l-Artikolu 90 tar-Regolament Delegat (UE) Nru 1308/2013, ċerti prodotti tal-inbid għandhom ikunu akkumpanjati minn ċertifikat imfassal minn korp kompetenti fil-pajjiż tal-oriġini tal-prodott u rapport ta' analiżi mfassal minn korp jew dipartiment maħtur mill-pajjiż terz tal-oriġini. Biex jonqos l-għadd ta' dokumenti meħtieġa għall-importazzjonijiet fl-Unjoni u biex jeħfiefu l-kontrolli mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, dak iċ-ċertifikat u dak ir-rapport ta' analiżi jenħtieġ jitwaħħdu f'dokument wieħed, id-dokument VI-1. Skont l-Artikolu 51(1)(b) tar-Regolament 2018/273,<sup>60</sup> il-pajjiżi terzi jridu jikkomunikaw l-isem u l-indirizz tal-korpi jew dipartimenti maħtura mill-pajjiż tal-oriġini jew, meta ma jkunx hemm fil-pajjiż tal-oriġini, laboratorju diġà awtorizzat barra mill-

<sup>58</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 543/2008 tas-16 ta' Ġunju 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 f'dak li għandu x'jaqsam mal-istandards għat-tqegħid fis-suq tal-laħam tat-tjur, ĠU L 157, 17.6.2008, p. 46.

<sup>59</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 589/2008 tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar it-termini tal-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 f'dak li jikkonċerna n-normi tat-tqegħid fuq is-suq applikabbli għall-bajd, ĠU L 163, 24.6.2008, p. 6.

<sup>60</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/273 tal-11 ta' Diċembru 2017 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fejn jidħlu l-iskema tal-awtorizzazzjonijiet għat-taħwil tad-dwieli, ir-reġistru tal-vinji, id-dokumenti ta' akkumpanjament u ċ-ċertifikazzjoni, ir-reġistru tad-dħul u l-ħruġ, id-dikjarazzjonijiet obbligatorji, in-notifiki u l-pubblikazzjoni tal-informazzjoni notifikata, u li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontrolli u penali rilevanti, li jemenda r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 555/2008, (KE) Nru 606/2009 u (KE) Nru 607/2009 u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 436/2009 kif ukoll ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/560, ĠU L 58, 28.2.2018, p. 1.

pajjiż tal-oriġini tal-prodott, bl-iskop li jimtlew fit-taqsimu tar-rapport ta' analiżi tad-dokumenti VI-1.

- **Hops:** Skont l-Artikolu 1(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1295/2008,<sup>61</sup> l-importazzjoni tal-ħops teħtieġ attestazzjoni ta' ekwivalenza;
- **Qanneb:** L-importazzjonijiet tal-qanneb bħalissa huma soġġetti għar-rekwiżiti ta' liċenzja tal-importazzjoni<sup>62, 63</sup>.

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-rekwiżiti għaċ-ċertifikati japplikaw għal dawn il-prodotti importati mir-Renju Unit lejn l-UE.

#### 4.6. Ċertifikati tal-qbid (prodotti tas-sajd)

Skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008,<sup>64</sup> l-importazzjoni fis-suq tal-UE ta' prodotti tas-sajd koperti mill-Anness I ta' dak ir-Regolament teħtieġ ċertifikat tal-qbid validat mill-Istat tal-bandiera ta' pajjiż terz tal-bastiment tal-qbid kif ukoll dokumenti oħra ta' akkumpanjament kif speċifikat fl-Annessi II u IV ta' dak ir-Regolament. L-Istati Membri huma meħtieġa jivvalidaw iċ-ċertifikati tal-qbid f'ċirkostanzi speċifiċi.

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-rekwiżiti għaċ-ċertifikati tal-qbid japplikaw għall-prodotti tas-sajd importati mir-Renju Unit lejn l-UE.

---

<sup>61</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1295/2008 tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar l-importazzjoni tal-ħops minn pajjiżi terzi, ĠU L 340, 19.12.2008, p. 45.

<sup>62</sup> L-Artikolu 189 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, l-Artikolu 9 l-Anness (taqsimiet C, D u G tal-Parti I) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/1237, l-Artikolu 17 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1239.

<sup>63</sup> Barra minn hekk: Il-qanneb veru mhux maħdum li jaqa' taħt il-kodiċi NM 5302 10 għandu jkollu kontenut ta' tetraidrokannabinol (THC) li ma jeċċedix it-0.2 %; Iż-żrieragħ tal-qanneb għaż-żrigħ għandhom ikunu akkumpanjati minn provi li l-kontenut tat-THC tal-varjetà kkonċernata ma jkunx jaqbeż it-0.2 %; Żrieragħ tal-qanneb, minbarra dawk għaż-żrigħ, jistgħu jiġu importati biss minn importaturi awtorizzati mill-Istat Membru. L-importaturi awtorizzati għandhom jippreżentaw prova li ż-żrieragħ ikunu tqiegħdu f'kundizzjoni li teskludi l-użu għaż-żrigħ, jew imħallta ma' żerriegħa għajr qanneb għall-finijiet tan-nutrizzjoni tal-annimali, jew esportata lejn pajjiż terz.

<sup>64</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1.

## B. ID-DISPOŻIZZJONIJIET TAS-SEPARAZZJONI RILEVANTI TAL-FTEHIM DWAR IL-ĦRUĠ<sup>65</sup>

### 1. IKEL LI MA JORIĠINAX MILL-ANIMALI

L-Artikolu 41(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jipprovdi li prodott eżistenti u identifikabbli individwalment imqiegħed fis-suq fl-UE jew fir-Renju Unit qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni jista' jsir disponibbli fis-suq tal-UE jew tar-Renju Unit u jiċċirkola bejn dawn iż-żewġ swieq sakemm jasal għand l-utent finali tiegħu.

L-operatur ekonomiku li jinvoka dik id-dispożizzjoni għandu l-oneru tal-prova li juri fuq il-bażi ta' kwalunkwe dokument rilevanti li l-prodott kien tqiegħed fis-suq fl-UE jew fir-Renju Unit qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni<sup>66</sup>.

Għall-finijiet ta' dik id-dispożizzjoni, "tqegħid fis-suq" tfisser l-ewwel provvista ta' oġġett għad-distribuzzjoni, għall-konsum jew għall-użu fis-suq waqt attività kummerċjali, kemm jekk bi ħlas kif ukoll mingħajr ħlas<sup>67</sup>. "Provvista ta' oġġett għad-distribuzzjoni, għall-konsum jew għall-użu" tfisser li oġġett eżistenti u individwalment identifikabbli, wara li jkun seħħ l-istadju tal-manifattura, ikun is-suġġett ta' ftehim bil-miktub jew verbali bejn żewġ, jew aktar, persuni ġuridiċi jew fiżiċi għat-trasferiment ta' sjieda, ta' kwalunkwe dritt ieħor ta' proprjetà, jew ta' pussess li jikkonċernaw l-oġġett inkwistjoni, jew ikun is-suġġett ta' offerta lil persuna jew persuni ġuridiċi jew fiżiċi għall-konklużjoni ta' tali ftehim".<sup>68</sup>

**Pereżempju:** Ikel individwali (ta' oriġini mhux mill-animali) mibjugħ minn produttur ibbażat fir-Renju Unit lil bejjiegħ bl-ingrossa bbażat fir-Renju Unit qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni xorta jista' jiġi importat aktar fl-UE mingħajr il-ħtieġa li t-tikkettar mill-ġdid jindika l-isem jew l-isem kummerċjali u l-indirizz tal-importatur tal-UE.

<sup>65</sup> Jekk l-ikel individwali jkun sar fl-UE, qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, għall-finijiet tal-bejgħ, inkluża l-offerta għall-bejgħ jew kwalunkwe forma oħra ta' trasferiment, kemm jekk mingħajr ħlas kif ukoll jekk le, dan l-"istokk" tal-ikel jista' jinbiegħ, jitqassam jew jiġi trasferit fl-UE wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni (ara d-definizzjoni fl-Artikolu 3(8) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002: "tqegħid fis-suq" tfisser iż-żamma ta' ikel jew għalf għall-għanijiet ta' bejgħ, inkluża l-offerta għall-bejgħ jew kull forma oħra ta' trasferiment, sew jekk bi ħlas sew jekk le, u l-bejgħ, tqassim u xi forma oħra tat-trasferiment innifsu).

<sup>66</sup> L-Artikolu 42 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

<sup>67</sup> L-Artikolu 40(a) u (b) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

<sup>68</sup> L-Artikolu 40(c) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

## 2. IKEL LI JORIĠINA MILL-ANNIMALI

Ir-regoli stabbiliti fit-Taqsima B.1 ta' dan l-avviż ma japplikawx għall-ikel li joriġina mill-annimali<sup>69</sup>.

Dawn il-prodotti jridu jikkonformaw mar-regoli tal-UE dwar l-ikel stabbiliti fit-taqsima A ta' dan l-avviż wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, irrispettivament jekk il-prodott ikunx tqiegħed fis-suq tar-Renju Unit qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.

### C. REGOLI APPLIKABBLI GĦALL-IKEL FL-IRLANDA TA' FUQ WARA T-TMIEM TAL-PERJODU TA' TRANŻIZZJONI

Il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq ("IE/NI Protocol") japplika wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni<sup>70</sup>. Il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq huwa soġġett għal kunsens perjodiku tal-Assemblea Leġiżlattiva tal-Irlanda ta' Fuq, fejn il-perjodu inizjali ta' applikazzjoni jestendi sa 4 snin wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni<sup>71</sup>.

Permezz tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq ċerti dispożizzjonijiet tal-liġi tal-UE huma applikabbli wkoll għar-Renju Unit u fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq. Fil-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq, l-UE u r-Renju Unit qablu wkoll li sa fejn ir-regoli tal-UE japplikaw għar-Renju Unit u fih fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, l-Irlanda ta' Fuq hija ttrattata daqslikieku kienet Stat Membru<sup>72</sup>.

Il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq jipprovdi li l-liġi tal-UE dwar l-ikel tapplika għar-Renju Unit u fih, fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq<sup>73</sup>.

Dan ifisser li r-referenzi għall-UE u l-Istati Membri tal-UE fil-Partijiet A u B ta' dan l-Avviż għandhom jinftiehem bħala li jinkludu l-Irlanda ta' Fuq, filwaqt li r-referenzi għar-Renju Unit għandhom jinftiehem li jirreferu biss għall-Gran Brittanja<sup>74</sup>.

B'mod aktar speċifiku, dan ifisser fost oħrajn:

- L-ikel li jitqiegħed fis-suq fl-Irlanda ta' Fuq għandu jkun konformi mal-liġi tal-ikel tal-UE fir-rigward tar-reqwiziti ta' awtorizzazzjoni, it-tikkettar eċċ.;

<sup>69</sup> L-Artikolu 41(3)(b) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

<sup>70</sup> L-Artikolu 185 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

<sup>71</sup> L-Artikolu 18 tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq

<sup>72</sup> L-Artikolu 7(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ flimkien mal-Artikolu 13(1) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.

<sup>73</sup> L-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq u t-taqsimiet 24, 29, 30, 31, 32, 33, 35, 36, 43, 46, u 47 tal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll.

<sup>74</sup> Minkejja dan, il-bastimenti kollha tas-sajd li jtajru l-bandiera tar-Renju Unit se jitqiesu bħala bastimenti ta' pajjiżi terzi wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.



- L-ikel mibgħut mill-Irlanda ta' Fuq għall-UE mhuwiex ikel importat (ara hawn fuq, it-taqsimha A);
- L-ikel mibgħut mill-Gran Brittanja lejn l-Irlanda ta' Fuq huwa ikel importat (ara hawn fuq, it-taqsimha A);
- Kwalunkwe "elenkar" jew "awtorizzazzjoni" tar-Renju Unit (ara hawn fuq, it-taqsimha A), ma tinkludix l-Irlanda ta' Fuq;
- Fejn, bħala parti minn valutazzjoni, reġistrazzjoni, ċertifikat, approvazzjoni jew awtorizzazzjoni, għandu jiġi indikat Stat Membru, ir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq għandu jiġi indikat bħala "ir-Renju Unit (l-Irlanda ta' Fuq)" jew "UK (NI)"<sup>75</sup>;
- Fejn il-liġi tal-UE tirregola t-tikkettar tal-orijini tal-ikel (pereżempju, ara hawn fuq, it-taqsimha A.1), l-Irlanda ta' Fuq għandha tiġi assimilata ma' Stat Membru tal-UE.

Madankollu, il-Protokoll tal-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq jeskludi l-possibbiltà għar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq li

- jipparteċipa fit-teħid ta' deċiżjonijiet u fit-tfassil ta' deċiżjonijiet tal-Unjoni<sup>76</sup>;
- jibda proċeduri ta' oġġezzjoni, ta' salvagwardja jew ta' arbitraġġ sal-punt li jikkonċernaw regolamenti, standards, valutazzjonijiet, reġistrazzjonijiet, ċertifikati, approvazzjonijiet u awtorizzazzjonijiet maħruġa jew imwettqa mill-Istati Membri tal-UE<sup>77</sup>;
- jaġixxi bħala l-awtorità ewlenija għal valutazzjonijiet, eżamijiet u awtorizzazzjonijiet<sup>78</sup>;
- jinwoka l-prinċipju tal-pajjiż ta' orijini jew ir-rikonoxximent reċiproku għal prodotti mqiegħda legalment fis-suq fl-Irlanda ta' Fuq<sup>79</sup>.

B'mod aktar speċifiku, dan ifisser fost oħrajn:

- fil-qasam mhux armonizzat, il-fatt li ikel jitqiegħed legalment fis-suq tal-Irlanda ta' Fuq ma jistax jiġi invokat meta l-ikel jitqiegħed fis-suq fl-UE.

<sup>75</sup> Ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 7(3) tal-Protokoll tal-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.

<sup>76</sup> Fejn ikun hemm bżonn ta' skambju ta' informazzjoni jew konsultazzjoni reċiproka, dan se jseħħ fil-grupp ta' ħidma konsultattiv konġunt stabbilit mill-Artikolu 15 tal-Protokoll tal-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.

<sup>77</sup> Il-ħames subparagrafu tal-Artikolu 7(3) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.

<sup>78</sup> L-Artikolu 13(6) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.

<sup>79</sup> L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(3) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.

Is-siti web tal-Kummissjoni dwar l-importazzjonijiet tal-ikel ([https://ec.europa.eu/food/safety/official\\_controls/legislation/imports\\_en](https://ec.europa.eu/food/safety/official_controls/legislation/imports_en)) u l-biedja organika ([https://ec.europa.eu/agriculture/organic/index\\_en](https://ec.europa.eu/agriculture/organic/index_en)) jipprovdu informazzjoni ġenerali dwar il-leġiżlazzjoni tal-UE tal-ikel għal ikel importat u l-biedja organika. Dawk il-paġni se jiġu aġġornati b'informazzjoni addizzjonali, fejn meħtieġ.

Il-Kummissjoni Ewropea

Id-Direttorat-Ġenerali għas-Saħħa u s-Sikurezza tal-Ikel

Id-Direttorat-Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

Id-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd

**ANNES 1: IL-LIĠI TAL-IKEL TAL-UE LI TARMONIZZA T-TIKKETTAR TA' IKEL LI JIQTIEGHED FIS-SUQ TAL-UE**

- Ir-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi<sup>80</sup>;
- Ir-Regolament (KE) Nru 1924/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel<sup>81</sup>;
- Ir-Regolament (UE) Nru 609/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar ikel maħsub għat-trabi u t-tfal żgħar, ikel għal skopijiet mediċi speċjali, u bħala sostitut tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż<sup>82</sup>;
- Ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament,<sup>83</sup> kif ukoll ir-Regolament (KE) Nru 1830/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar it-traċċabilità u l-ittikkettar ta' organiżmi modifikati ġenetikament u t-traċċabilità ta' prodotti tal-ikel u għalf manifatturati minn organiżmi modifikati ġenetikament u li jemenda d-Direttiva 2001/18/KE<sup>84</sup>;
- Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli<sup>85</sup>;
- Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1379/2013 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura<sup>86</sup>;
- Il-leġiżlazzjoni settorjali tal-UE dwar l-ikel li tindirizza t-tikkettar u l-informazzjoni dwar l-ikel, bħal leġiżlazzjoni dwar spirti,<sup>87</sup> għasel,<sup>88</sup> estratti tal-

---

<sup>80</sup> ĠU L 304, 22.11.2011, p. 18.

<sup>81</sup> ĠU L 404, 30.12.2006, p. 9.

<sup>82</sup> ĠU L 181, 29.6.2013, p. 35.

<sup>83</sup> ĠU L 268, 18.10.2003, p. 1.

<sup>84</sup> ĠU L 268, 18.10.2003, p. 24.

<sup>85</sup> ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

<sup>86</sup> ĠU L 354, 28.12.2013, p. 1.

<sup>87</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 110/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, l-ittikkettar, u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, ta' xorb spirituż, ĠU L 39, 13.2.2008, p. 16.

<sup>88</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/110/KE tal-20 ta' Diċembru 2001 li tirrigwarda l-għasel, ĠU L 10, 12.1.2002, p. 47.

kafè u estratti taċ-ċikwejra,<sup>89</sup> kawkaw u prodotti taċ-ċikkulata maħsuba għall-konsum mill-bniedem,<sup>90</sup> ċerti zokkrijiet,<sup>91</sup> frott u ħaxix u frott u ħxejjex ipproċessati,<sup>92</sup> meraq tal-frott,<sup>93</sup> ġamm tal-frott, ġelatini u marmellati<sup>94</sup>, żejt taż-żebbuġa u żejt mir-residwi taż-żebbuġ,<sup>95</sup> u ċerti prodotti tal-ħalib<sup>96</sup>;

- Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi<sup>97</sup>;
- Ir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 li jstabilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-bhejjem tal-fart u dwar it-tikkettjar tal-laħam taċ-ċanga u tal-prodotti tal-laħam taċ-ċanga<sup>98</sup>;
- Id-Direttiva 2009/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-isfruttament u t-tqegħid fis-suq ta' ilmijiet minerali naturali<sup>99</sup>.

---

<sup>89</sup> Id-Direttiva 1999/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Frar 1999 li għandha x'taqsam mal-estratti tal-kafè u l-estratti taċ-ċikwejra, ĠU L 66, 13.3.1999, p. 26.

<sup>90</sup> Id-Direttiva 2000/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ġunju 2000 rigward il-prodotti mill-kawkaw u miċ-ċikkulata maħsuba għall-konsum mill-bniedem, ĠU L 197, 3.8.2000, p. 19.

<sup>91</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/111/KE tal-20 ta' Diċembru 2001 li għandha x'taqsam ma' ċerti tipi ta' zokkor maħsuba għall-konsum mill-bniedem, ĠU L 10, 12.1.2002, p. 53.

<sup>92</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jstabilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 għas-setturi tal-frott u l-ħaxix u tal-frott u l-ħaxix ipproċessat ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

<sup>93</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/112/KE tal-20 ta' Diċembru 2001 li tirrigwarda l-meraq tal-frott u ċerti prodotti simili maħsuba għall-konsum uman, ĠU L 10, 12.1.2002, p. 58.

<sup>94</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/113/KE tal-20 ta' Diċembru 2001 li għandha x'taqsam mal-ġamm tal-frott, il-ġelatini u l-marmellati u mal-purejiet tal-qastan mogħtija l-ħlewwa maħsuba għal konsum mill-bniedem, ĠU L 10, 12.1.2002, p. 67.

<sup>95</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 29/2012 tat-13 ta' Jannar 2012 dwar l-istandards ta' marketing għaż-żejt taż-żebbuġa, ĠU L 12, 14.1.2012, p. 14–21 u r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2568/91 tal-11 ta' Lulju 1991 dwar il-karatteristiċi taż-żejt taż-żebbuġa u l-fdal taż-żejt taż-żebbuġa u dwar il-metodi ta' analiżi rilevanti, ĠU L 248, 5.9.1991, p. 1.

<sup>96</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/114/KE tal-20 ta' Diċembru 2001 rigward ċertu ħalib ippriservat disidratat in parti jew kollu għall-konsum tal-bniedem, ĠU L 15, 17.1.2002 p. 19.

<sup>97</sup> ĠU L 189, 20.7.2007, p. 1.

<sup>98</sup> ĠU L 204, 11.8.2000, p. 1

<sup>99</sup> ĠU L 164, 26.6.2009, p. 45.